# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 57**

**Rikors numru 853/2020/1 GM**

Wara l-ittra uffiċjali numru 2742/2020 tal-1 ta' Settembru tas-sena 2020 fl-ismijiet:

**L-Awtorità ta' Malta Dwar il-Logħob**

**v.**

**Doxx Casino Limited (C 40196)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-Awtorità ta' Malta Dwar il-Logħob (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala 'l-Awtorità'), minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fit-13 ta' Ottubru, 2022, u li permezz tagħha dik il-Qorti laqgħet ir-rikors ta' 'Doxx Casino Ltd' (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala '**DCL**' jew 'il-kumpanija appellata'), u dan billi qieset it-talba

tal-Awtorità hekk kif imressqa fl-ittra uffiċjali bin-numru 2742/2020, bħala infondata fil-fatt u fid-dritt;

2. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri huma dawn li ġejjin;

3. Fl-1 ta' Settembru, 2020 l-Awtorità bagħtet lill-kumpanija appellata ittra uffiċjali b'dikjarazzjoni maħlufa skont il-proċedura taħt l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dik l-ittra, Adrian Muscat, fil-kwalità tiegħu bħala rappreżentant tal-Awtorità, stqarr illi DCL hija debitriċi tal-Awtorità fl-ammont sħiħ ta' sittax-il elf, tmien mija u ħamsin ewro (€16,850.00). Fisser ukoll li dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut għall-ħlasijiet u pagamenti fir-rigward tal-liċenza bin-numru MGA/B2C/140/2007, u dan bħala ħlas ta' *'True-Up Alignment'* għas-sena 2018. Qal ukoll li sa dakinhar, DCL naqset milli tħallas dak l-ammont u dan bla ebda raġuni tajba u mingħajr ma qatt ikkontestat dak li kellha tagħti;

4. DCL ma qablitx ma' dak pretiż mill-Awtorità, u wara li fis-7 ta' Settembru, 2020 irċeviet l-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija, fit-28 ta' Settembru, 2020, DCL ressqet ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri, u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-

rikors promotur, DCL stqarret illi l-ammont mitlub mill-Awtorità mhuwiex dovut minnha, u li bla ħsara għal dan, l-ammont mitlub mill-Awtorità kien f'kull każ ħażin. Fid-dawl ta' dan, DCL talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tiddikjara li t-talba hekk kif imressqa mill-Awtorità fl-ittra uffiċjali bin-numru 2742/2020, bħala infondata kemm fil-fatt u fid-dritt, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorità;

5. B'risposta mressqa fid-9 ta' Novembru, 2020, l-Awtorità wieġbet għar-rikors ta' DCL u dan billi filwaqt li tat sfond tal-fatti tal-każ, għamlet referenza għal bosta dokumenti, fosthom 'DOK MGA01' li fih hemm spjegazzjoni ċara dwar kif ġiet maħduma s-somma mitluba mill-Awtorità fl-ammont ta' €16,850.00. Wara li għamlet referenza għat-trasferiment li seħħ bejn DCL u '*Global Gaming Entertainment Group Limited'* (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala '**GGEG'**), u dan fir-rigward tal-Liċenza bin-numru MGA/CL1/311/2007, l-Awtorità qalet li DCL ma tistax targumenta li l-bilanċ mitlub huwa dovut minn GGEG u mhux minnha. L-Awtorità għalhekk talbet lill-Qorti sabiex tiċħad ir-rikors ta' DCL u dan bl-ispejjeż kontra l-istess DCL;

6. B'sentenza tat-13 ta' Ottubru, 2022, l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi laqgħet ir-rikors ta' DCL u qieset it-talba tal-Awtorità hekk kif imressqa fl-ittra uffiċjali bin-numru 2742/2020 bħala infondata fil-fatt u fid-

dritt. L-Ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni fuq is-saħħa ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> *"Permezz ta' ittra uffiċjali tal-1 ta' Settembru 2020 (numru 2742/2020), mibgħuta għall-finijiet tal-Art. 466 tal-Kap 12, l-Awtorita` ta' Malta dwar il-Logħob ("l-Awtorita`") interpellat lil Doxx Casino Ltd. ("Doxx") għall-ħlas ta' €16,850 għal liċenzja tagħha mal-Awtorita`. Doxx fetħet il-preżenti proċedura biex, għall-fini tal-istess Art. 466, titlob li lill-Qorti tiddikjara li l-ammont mhux dovut jew, jekk dovut, mhux korrett.*
>
> *Il-liċenzja hija dik tas-sena 2018.*
>
> *Liġi ġdida, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2018, għolliet ir-rata tal-liċenzji b'effett retroattiv għall-1 ta' Jannar 2018. Bejn l-1 ta' Jannar 2018 u t-30 ta' Ġunju 2018, detenturi eżistenti ta' liċenzji kellhom iħallsu, proviżorjament, il-liċenzji skont ir-rati preċedenti mbagħad isir l-aġġustament meħtieġ sa mhux iktar tard mill-20 t'Ottubru 2018. Taħt is-sistema l-qadima, il-liċenzji kienu jitħallsu b'rata kull xahar; taħt il-ġdida, b'rata ta' €25,000 fis-sena.*
>
> *Fis-sena 2018, Doxx waqfet topera. Permezz ta' ftehim tad-9 t'April 2018, biegħet il-liċenzja tagħha lil Global Gaming Entertainment Group Ltd. ("GGEG"). It-trasferiment tal-liċenzja ġie approvat mill-Awtorita` fil-31 ta' Lulju 2018.*
>
> *Doxx u GGEG ftiehmu bejniethom li jkunu responsabbli għall-ħlas tal-liċenzja proporzjonalment. L-Awtorita` qablet ma' dan, tant li bagħtet ir-rati tal-apporzjonament, iżda mbagħad insistiet li DOXX tħallas sehemha lil GGEG u GGEG tħallas l-ammont kollu lill-Awtorita`.*
>
> *Permezz ta' e-mail tal-**11 t'Ottubru 2019**, Claude Falzon kiteb lil Keith Massa li:*
>
> *"…finance have confirmed the amounts, however at the same time they stated that they should receive the amounts due as one payment rather than from two separate parties. Are you available for a call as the solution that I have in mind is **that Global Gaming submit the full amounts due and you pass your part to them**."*
>
> *Permezz ta' e-mail oħra tal-**15 t'Ottubru 2019**, l-imsemmi Claude Falzon bagħat il-kalkolu tal-apporzjonament li kellu jsir iżda żied jikteb hekk:*
>
> *"Kindly find the calculation of what is due from the side of DOXX, **to be paid by Global** (as the currently licenced entity with the MGA)…"*

*Permezz ta' e-mail tas-**7 ta' Diċembru 20184** mibgħuta minn Claude Falzon, Senior Executive of Compliance tal-Awtorita`, lil Mr. Osterkamp għall-GGEG, l-Awtorita` qablet ma' dan l-arranġament:*

*"Since the date of approval from the Authority was 31st July 2018, essentially it would mean that **as of 1st of August 2018, the license contribution is to be covered by Global Gaming Entertainment Group Limited**.*

*"With the confirmation of the above I will instruct the Finance Department to work out separately the licence contribution with Global Gaming Entertainment Group Limited as of on the 1st of August".*

*Jirriżulta li dak dovut għal-liċenzja minn Doxx ġie trasferit lil GGEG. Dan ifisser li Doxx wettqet l-istruzzjonijiet kollha tal-Awtorita` fir-rigward tal-pagament minnha dovut. Ġaladarba Doxx onorat il-parti tagħha tal-ftehim mal-Awtorita`, l-Awtorita` issa ma tistax iktar titlob l-ammont dovut mingħand Doxx għax il-ftehim kien li l-ammont jitħallas kollu kemm hu minn GGEG wara li Doxx tħallas sehemha lil GGEG."*

7. L-Awtorità ma qablet xejn mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u fl-14 ta' Novembru, 2022 ressqet rikors tal-appell li għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija qed titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata t-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022) in toto, u konsegwentement tiddikjara li t-talba fl-ittra uffiċjali hija fondata u li s-soċjetà appellata hija d-debitriċi tal-Awtorità appellanti fis-somma ta' sittax-il elf, tmien mija u ħamsin ewro (€16,850), u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà appellata tħallas l-istess ammont.*

*Salv kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata."*

8. B'risposta mressqa fil-15 ta' Diċembru, 2022, DCL fissret għalfejn hija ma taqbilx mal-aggravji tal-Awtorità appellanti u fuq is-saħħa tar-raġunijiet li ġew mogħtija minnha, talbet lil din il-Qorti sabiex: *"tiċħad l-appell tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob u tikkonferma s-sentenza*

*appellata fl-intier tagħha. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata"*;

9. Wara li rat l-atti proċesswali kollha u qieset li l-fażi tal-proċedura bil-miktub ingħalqet, din il-Qorti ma jirriżultalhiex li hemm il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ, u b'hekk ser tkun qed tgħaddi minnufih għas-sentenza u dan fuq is-saħħa tal-**Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

***Ikkunsidrat***

10. Wara li ħadet qies tal-argumenti kollha tal-partijiet li ġew imressqa kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll fit-tweġiba għall-appell, il-Qorti tqis li l-kwestjoni ewlenija li trid tiġi deċiża f'din is-sentenza hija dwar jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġun li tqis li l-obbligazzjoni ta' DCL *vis-a-vis* l-Awtorità appellanti, ġietx tassew maqtula u dan permezz ta' obbligazzjoni oħra li nħolqot bejn l-Awtorità u GGEG;

11. Qabel xejn il-Qorti sejra tibda biex l-ewwel tagħti sfond qasir ta' wħud mill-argumenti prinċipali li ġew imressqa mill-partijiet kemm fir-rikors tal-appell kif ukoll fit-tweġiba għal dak l-appell;

12. Fl-ewwel parti tar-rikors tal-appell, l-Awtorità appellanti tgħid li għalkemm l-Ewwel Qorti żammet lura milli tirreferi b'mod speċifiku għall-istitut ġuridiku li fuq is-saħħa tiegħu waslet għall-konklużjonijiet tagħha, minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta ċar biżżejjed li d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ġiet imsejsa fuq l-istitut tan-novazzjoni *ex parte debitoris* u li permezz tiegħu, il-Qorti qieset li l-obbligazzjoni oriġinali ta' DCL *vis-a-vis* l-Awtorità ġiet maqtula u mibdula b'waħda ġdida li nħolqot bejn l-Awtorità u GGEG. Filwaqt li tagħmel referenza ghall-prinċipji ewlenin li jirregolaw l-istitut tan-novazzjoni, l-Awtorità tilmenta li l-Ewwel Qorti ma messha qatt qieset li l-elementi ta' dak l-istitut ġew sodisfatti u dan sewwasew għaliex hija qatt ma ħelset lil DCL mill-obbligazzjoni tagħha li tħallasha l-miżati kollha skont kif mitlub mil-liġi u ċjoè mir-'Regolamenti Dwar Miżati Għal Liċenzi Tal-Logħob' (L.S. 583.03). F'dan ir-rigward, tinsisti li hija kienet konsistenti u għamlitha ċara kemm-il darba ma' DCL li hija kienet qed iżżommha unikament responsabbli għall-ammonti kollha dovuti minnha skont il-liġi, u dan minkejja kull ftehim li seta' kellha ma' GGEG u t-trasferiment tal-liċenza li ġie konkluż fil-31 ta' Lulju 2018. Filwaqt li tgħid li hija ma setgħetx tirrifjuta li tirċievi xi ammonti minn GGEG u dan fuq is-saħħa tal-Artikolu 1149 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, targumenta li dak li jwassal għan-novazzjoni mhuwiex ir-rikonoxximent ta' ftehim bejn id-debitur u l-parti terza, iżda d-dikjarazzjoni espressa min-naħa tal-kreditur dwar l-intenzjoni li jeħles lid-debitur tiegħu, u dan minn kif wara kollox jirriżulta mill-artikolu 1183 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Tenfasizza li

dikjarazzjoni ta' din ix-xorta ma saret fl-ebda stadju, u wara li tfakkar li teżisti preżunzjoni qawwija kontra n-novazzjoni tgħid li f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li n-novazzjoni ma seħħitx. Fid-dawl ta' dan, l-Awtorità tgħid li l-ammont mitlub minnha fl-ittra uffiċjali mertu ta' dawn il-proċeduri huwa fil-fatt dovut mill-appellata DCL;

13. Fit-tieni parti tar-rikors tal-appell, l-Awtorità appellanti mbagħad tgħaddi biex targumenta li l-Ewwel Qorti għamlet ukoll apprezzament żbaljat tal-provi li kellha quddiemha. L-Awtorità tissottometti li hija approvat it-trasferiment tal-liċenza bejn DCL u GGEG, u dan bil-kundizzjoni espressa li DCL tibqa' responsabbli għall-miżati li kienu dovuti minnha. Fid-dawl ta' dan, l-Awtorità tiċħad li hija b'xi mod jew ieħor qablet li l-appellata u GGEG ikunu responsabbli għall-ħlas tal-liċenza proporzjonalment bejniethom, u filwaqt li targumenta li hija rrikonoxxiet il-ftehim li kien hemm bejn DCL u GGEG, tispjega li għamlet dan għal finijiet biss ta' speditezza u s-sempliċità li hija tirċievi l-ħlas minn entità waħda. Tgħid ukoll li hija fl-ebda stadju ma trasferiet ir-responsabbiltà tal-ħlas tal-ammont dovut minn DCL lil GGEG, iżda kienet biss qed timxi max-xewqat ta' DCL stess u dan kemm sabiex tiffaċilita t-trasferiment tal-liċenza, kif ukoll għaliex wara kollox, bil-liġi, hija ma setgħetx tirrifjuta t-talba ta' DCL sabiex GGEG tħallas parti mill-ammont dovut minnha. Targumenta wkoll li l-Ewwel Qorti ma kellhiex raġun meta qalet li DCL *"wettqet l-istruzzjonijiet kollha tal-Awtorità fir-rigward tal-pagament minnha dovut",*

u dan għaliex il-metodu u l-modalità tal-ħlas huma affarijiet kompletament separati mill-obbligazzjoni tal-ħlas u r-responsabbiltà li tiġi magħha. B’rabta ma’ dan, targumenta wkoll li hija ma tista’ qatt taqbel mal-Ewwel Qorti meta tgħid li *“Doxx onorat il-parti tagħha tal-ftehim mal-Awtorità”* u dan għaliex skont l-appellanti, il-korrispondenza kollha li kien hemm bejn l-Awtorità u DCL kienet limitata għall-modalità u l-loġistika tal-ħlas biss, u ma kinitx dwar min kien responsabbli għall-ħlas. Tisħaq li hija qatt ma ħelset lil DCL mill-obbligazzjonijiet tagħha, la b’mod espress u lanqas b’mod taċitu, anzi għall-kuntrarju hija dejjem insistiet li l-obbligazzjoni tal-ħlas kienet taqa’ dejjem fuq DCL, u dan minn kif jirriżulta mill-kundizzjonijiet li għalihom kienet suġġetta l-approvazzjoni tat-trasferiment tal-liċenza;

14. Min-naħa l-oħra, DCL tirribatti li mill-provi u dokumenti proċesswali jirriżulta li kienet l-Awtorità stess li espressament riedet li l-parti dovuta minn DCL tiġi mħallsa f’parti minn pagament li kellu jsir minn GGEG. Tissottometti li din l-istruzzjoni min-naħa tal-Awtorità wasslet sabiex ġabet l-estinzjoni ta’ kwalunkwe obbligi li kellha *vis-a-vis* l-Awtorità, u dan għaliex li kieku ma kienx hekk, allura kien hemm żewġ entitajiet li riedu jħallsu l-istess miżati lill-Awtorità. Safejn għandu x’jaqsam mar-rekwiżit tal-*animus novandi*, DCL tirreferi għall-korrispondenza li kien hemm bejn l-Awtorità u DCL u b’mod partikolari għall-ittri elettroniċi tal-11 ta’ Ottubru 2019 u tal-15 ta’ Ottubru 2019. F’dan ir-rigward, tissottometti li f’dawn l-

ittri ngħataw struzzjonijiet ċari minn uffiċjal tal-Awtorità li l-ammont kollu pendenti kellu jitħallas minn GGEG u mhux iktar minn DCL. Targumenta li dan wassal sabiex l-Awtorità rrikonoxxiet lil GGEG bħala debitriċi ġdida minflok DCL. Sabiex issaħħaħ aktar l-argumenti tagħha dwar kemm l-Awtorità rrikonoxxiet lil GGEG bħala debitriċi tagħha, DCL tirreferi għall-fatt li l-Awtorità bdiet saħansitra tinterpella lil GGEG sabiex tħallas. Tgħid li meta GGEG naqset milli tagħmel hekk, l-Awtorità ħarġitilha *'Notice of Breach'* datata 20 ta' April 2020, u li fiha kien hemm miktub ċar li parti minnha kienet dwar is-somma mertu tal-kawża u ċjoè dik fl-ammont ta' €16,850 bħala *"True-up alignment Figure for license MGA/B2C/140/2007".* Fuq is-saħħa ta' dan, DCL tiċħad li l-Awtorità għamlitha dejjem ċara magħha li kienet qed tqisha unikament responsabbli għal dik is-somma, u filwaqt li tagħmel referenza għax-xhieda tad-diretturi tagħha Keith Massa u Michal Dvorak, tixli lill-Awtorità li riedet tmur lura minn dak li kien diġà miftiehem;

15. B'referenza għall-ilmenti tal-Awtorità safejn għandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti, DCL imbagħad targumenta li ma jeżistux raġunijiet gravi u serji biżżejjed sabiex jiġġustifikaw indħil ta' din il-Qorti fl-apprezzament tal-provi hekk kif ġie magħmul mill-ewwel Qorti. Targumenta li l-provi meqjusa mill-Ewwel Qorti huma ċari u inekwivoċi, u fost l-oħrajn tinsisti li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li "*Doxx u GGEG ftiehmu bejniethom li jkunu*

*responsabbli għall-ħlas tal-liċenzja proporzjonalment. L-Awtorita` qablet ma' dan, tant li bagħtet ir-rati tal-apporzjonament, iżda mbagħad insistiet li DOXX tħallas sehemha lil GGEG u GGEG tħallas l-ammont kollu lill-Awtorita`"*. Tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti kienet daqstant ieħor korretta meta qieset li DCL wettqet dak kollu li ġie mitlub minnha mill-Awtorità u tagħlaq billi targumenta li l-appell tal-Awtorità għandu jiġi miċħud ghal kollox;

16. Wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet u dan fid-dawl tal-provi li ġew imressqa, il-Qorti titlaq biex tgħid li mill-atti jirriżulta ppruvat li l-obbligazzjoni oriġinali ta' DCL *vis-a-vis* l-Awtorità appellanti, u ċjoè dik li tħallas lill-Awtorità l-aġġustament meħtieġ fuq il-miżati dovuti minnha skont il-liġi għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Lulju 2018, ġiet tassew delegata lil GGEG. Kif tgħid tajjeb il-kumpanija appellata, mill-atti jirriżulta biċ-ċar li din id-delegazzjoni mhux biss ġiet aċċettata minn GGEG,[1] iżda saħansitra saret fuq struzzjonijiet tal-Awtorità appellanti stess li talbet li tirċievi pagament sħiħ minn entità waħda;[2]

17. Kuntrarjament għal dak pretiż minn DCL, dan il-fatt waħdu però mhuwiex biżżejjed biex iwassal għat-tmiem tal-obbligazzjoni oriġinali ta' bejn DCL u l-Awtorità, u dan għaliex minn kif jgħid l-Artikolu 1183 tal-Kap.

[1] Ara '*Document G*' u '*Document I*' anness mal-affidavit ta' Michal Dvorak, fol. 86 u 90 rispettivament.
[2] Ara 'Annex 5', fol. 60, 62-63.

16 tal-Liġijiet ta' Malta, id-delegazzjoni ma twassalx għal novazzjoni, u l-konsegwenti estinsjoni tal-obbligazzjoni oriġinali, sakemm: *"il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tiegħu li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni"*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Carmelo Farrugia v. Annetta Galea et.*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-11 ta' Ġunju, 1959);[3]

18. Fil-fehma tal-Qorti, bil-ħtieġa ta' 'stqarrija espressa tar-rieda tal-kreditur li jeħles lid-debitur', il-liġi mhijiex qed titlob xi formula sagramentali dwar kif għandha ssir it-tali stqarrija, u għall-finijiet ta' dik il-prova, għandhom japplikaw l-istess prinċipji dwar il-prova tal-*'animus novandi'.* Fil-fatt, meta jiġi biex jikkummenta dwar artikolu fil-Kodiċi Ċivili Taljan li jixbaħ lill-Artikolu 1183 fuq imsemmi, il-ġurista **Francesco Ricci** jgħid hekk:

> *"La legge vuole che la dichiarazione del creditore di liberare il precedenti debitore sia espressa; con ciò però non esige che si abbiano ad usare nell'atto parole od espressioni sacramentali, ma solo si esige che la liberazione risutli chiaramente, sia dall'atto con cui la delegazione si è accettata, sia da altro posteriore; dappoichè quando si tratta di rinuncia a diritti od azioni, la volontà di rinunciare deve essere chiara e certa, nè la si può stabilire per vi di presunzioni. Data adunque la certezza della volontà del creditore di liberare il suo debitore, è indifferente che tale certezza risulti da una o da altra espressione usata dai contraenti."*[4]

[3] Kollez. Vol. XLIII, D, III, paġ. 858.
[4] Francesco Ricci, 'Corso Teorico Prattico Di Diritto Civile – Vol VI – Degli Obligazioni e Dei Contratti In Generale', Seconda Edizione, 1886, Titolo IV, paġ. 384.

19. Il-ħtieġa ta' stqarrija espressa min-naħa tal-kreditur dwar il-ħelsien tad-debitur, hija għalhekk riaffermazzjoni tal-prinċipju li hemm imniżżel fl-Artikolu 1180(2) tal-Kap. 16, u peress li n-novazzjoni mhijiex preżunta, l-intenzjoni tal-kreditur li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni għandha tirriżulta biċ-ċar u konkretament ippruvata mill-fatti, b'tali mod li jekk ikun jifdal id-dubju, il-konklużjoni għandha tmur kontra l-eżistenza tan-novazzjoni. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Joanna Briffa v. Bernard Gauci***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-22 ta' Ġunju, 2005;[5] ***Emanuel Abela v. Paul u Frances Konjuġi Abela,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fil-5 ta' Marzu, 2003;[6] u ***Andrea Grasso noe. v. David Desira et***., deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru 2010)[7];

20. B'applikazzjoni ta' dan kollu għall-fatti tal-każ, il-Qorti wara li qieset sewwa l-provi kollha li ġew imressqa fl-atti, ma jirriżultalhiex li DCL irnexxielha tressaq provi ċari u inekwivoċi li l-Awtorità ħelsitha mill-obbligazzjoni prinċipali tagħha li tħallasha l-aġġustament meħtieġ fuq il-miżati li kienu dovuti minnha skont il-liġi u dan għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Lulju 2018;

---

[5] App. Ċiv. Nru. 1192/2003/1PS.
[6] App. Ċiv. Nru. 2262/1997/1PS.
[7] Ċit. Nru. 190/2009JRM, (mhux appellata).

21. Għalkemm huwa minnu li fl-ittra elettronika tal-15 ta' Ottubru 2019,[8] ir-rappreżentant tal-Awtorità kiteb *"Kindly find the calculation of what is due from the side of DOXX, to be paid by Global (as the currently licensed entity with the MGA)...",* jibqa' l-fatt li ftit aktar 'l isfel, fl-istess ittra elettronika ġie mniżżel li *"**The total <u>remaining dues to be paid by DOXX entity</u> are €25,014.33[9] to cover the license fees and compliance contribution up until the end of July 2018**."* Barra minn hekk, u b'referenza għal dik il-parti li ġiet indirizzata direttament lil Michael Osterkamp (rappreżentant tal-GGEG), il-Qorti tinnota li l-Awtorità tat struzzjonijiet ċari biex meta GEEG tiġi biex tgħaddi l-pagament, din kellha tniżżel *"comments or notes of what is being paid, what period it will be covering **<u>and on behalf of whom</u>**".* Fil-fehma tal-Qorti li kieku l-Awtorità kienet tassew ħelset lil DCL mill-obbligazzjoni tagħha, ir-rappreżentant tal-Awtorità ma kienx ser joqgħod jitlob lil GGEG sabiex tindika f'isem min kienet qed tagħmel il-pagament, u dan għaliex f'ċirkostanzi bħal dawk, il-pagament kien ikun biss f'isem GGEG u ħadd aktar;

22. Fl-aħħar mill-aħħar, u minn kif qalet sewwa l-Awtorità appellanti, ir-rappreżentanti ta' DCL stess, hekk kif kienu qed jiġu kontro-eżaminati waqt is-seduta tat-22 ta' Frar, 2022, ammettew li DCL qatt ma rċeviet xi konferma mingħand l-Awtorità fis-sens li kienet qed tiġi meħlusa mill-

[8] Ara 'Annex 5', fol. 60.
[9] Bil-kelma *'DOXX entity'* l-Awtorità qed tirreferi għall-kumpaniji 'Doxx Casino Limited' u 'Doxx Bet Limited', li din tal-aħħar mhijiex parti minn dawn il-proċeduri.

obbligi tagħha għall-ħlas bilanċjali tal-miżati.[10] Kemm hu hekk, meta mistoqsi: *"[t]ikkonferma illi Doxx Casino Limited qatt ma irċeviet konferma mingħand l-Awtorità illi hi kienet qed tiġi eżonerata b'xi mod minn dan l-obbligu li kellha?",* Keith Massa, li dak iż-żmien kien direttur tal-kumpanija appellata wieġeb*: "[o]utright eżonerata le"*;

23. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti żgur li ma jirriżultalhiex li l-ħelsien ta' DCL ġie konkludentement ippruvat, u minħabba f'hekk il-Qorti qed taqbel mal-Awtorità appellanti li d-delega tad-debitu bejn DCL u GGEG ma wasslitx għal novazzjoni u l-konsegwenti estinzjoni tal-obligazzjoni ta' DCL versu l-Awtorità appellanti;

24. Jirriżulta b'hekk li l-effetti tad-delega bejn DCL u GGEG wasslu biss biex GGEG daħlet bħala garanti u ko-debitur għall-istess obbligazzjoni ta' DCL,[11] u għaldaqstant l-Awtorità baqgħalha kull dritt li tfittex lil DCL għall-miżati li baqgħu ma ġewx imħallsa u dan għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Lulju 2018;

---

[10] Ara t-traskrizzjoni tal-kontro-eżami ta' Michal Dvorak, u Kieth Massa, fol. 128 u fol 132 rispettivament.

[11] Ara f'dan is-sens: Ellul Anthony, 'Novation as a Mode of Extinction of Obligations' (1993), Paġ 130-131; u Francesco Ricci 'Corso Teorico Prattico Di Diritto Civile – Vol VI – Degli Obligazioni e Dei Contratti In Generale', Seconda Edizione, 1886, Titolo IV, paġ. 384, para. 292.

25. Min-naħa l-oħra, il-Qorti però ma taqbilx mal-Awtorità meta *"tiċħad li hija b'xi mod jew ieħor qablet li l-appellata u GGEG ikunu responsabbli għall-ħlas tal-liċenza proporzjonalment bejniethom".* Apparti li din is-sottomissjoni tmur direttament kontra dak li xehed il-'*Head of Finance'* tal-Awtorità appellanti stess,[12] mill-atti, u speċifikatament minn sensiela ta' ittri elettroniċi mibgħuta mill-Awtorità stess, jirriżulta wkoll li l-Awtorità espressament qablet u tat struzzjonijiet interni sabiex l-ħlas tal-miżata għal-liċenza annwali jinqasam *pro-rata* bejn DCL u GGEG: b'dan illi DCL tkun responsabbli għall-ammonti li jikkorrispondu għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Lulju 2018, u GGEG tkun proporzjonalment responsabbli għall-bqija wara l-1 ta' Awwissu, 2018.[13] Kemm hu hekk, f'ittra elettronika tal-15 ta' Ottubru 2019,[14] meta l-Awtorità ġiet mitluba biex tniżżel eżatt x'kienu l-ammonti dovuti minn DCL, l-Awtorità kitbet hekk:

> *"DOXX Casino dues:*
> - *License due in January 2018 (€25,000)*
>     - ***<u>License dues up until end of July 2018 = (25,000/12)*7 = 14,583.33</u> (covering 7 months from January to July)***
>     - *Compliance Contribution covering up until end of July 2018 = 1,250*7 = 8,750 (covering 7 months)*
>     - *Total Due (DOXX) = 23,333.33*

---

[12] Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022, Adrian Muscat tenna għal darba darbtejn li: "*<u>Kien hemm korrispondenza fejn kien hemm xi proportionment tal-licenzja u tal-fees</u>. Jigifieri dak kollox. Pero' ahna min-naha taghna dejjem bqajna nghidu x'inhu l-ammont dovut fuq Doxx Casino Limited*", u "*<u>Kien hemm proportionment tal-licenzji, jigifieri kien hemm proportionment ta' licenzji fuq Doxx Casino Limited u mill-buyers</u>. Pero' jiena fil-korrispondenza li bghatt jiena dejjem dan l-ammont kien dovut..";*

[13] Ara: '*Document A'* fol. 80 li huwa kopja ta' ittra elettronika mibgħuta mill-Awtorità lil GGEG; '*Annex 4*', fol.59, li huwa kopja ta' ittra elettronika li ġiet mibgħuta internament mir-rappreżentanti tal-Awtorità u li fiha hemm indikat li l-*'license contribution fees'* iridu jinqasmu bejn DCL u GGEG, u dan proporzjonalment għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2018 sal 31 ta' Lulju 2018, u mill-1 ta' Awwissu 'l quddiem, rispettivament;

[14] '*Annex 5',* fol. 60.

- *Already paid = 16,900*
- ***<u>Remaining due = 23,333.33 – 16,900 = 6433.33”</u>*** (enfasi miżjuda);

26. Fil-fehma tal-Qorti, minn dan kollu jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku li l-Awtorità appellanti kienet <u>ħelset</u> lil DCL milli tħallas l-ammont sħiħ ta' €25,000 bħala 'miżata għal-liċenza annwali fissa', u minflok aċċettat li DCL għandha tkun responsabbli biss għas-somma proporzjonali għal seba' xhur li tammonta għal €14,583.33. GGEG kellha mbagħad tkun responsabbli għall-bqija tal-bilanċ tal-'miżata għal-liċenza annwali fissa', u dan fl-ammont proporzjonali ta' €10,416.67;[15]

27. Jidher illi l-Awtorità qegħda però terġa' tmur lura minn dak oriġinarjament pretiż minnha, u dan għaliex minn eżerċizzju komparattiv li l-Qorti għamlet bejn il-*'breakdown'* tal-ammonti mitluba mill-Awtorità fl-ittra elettronika tal-15 ta' Ottubru 2019,[16] flimkien ma' dawk imniżżla fir-rendikont intitolat 'Dok MGA01' (Fol 14), il-Qorti nnutat li l-Awtorità qegħda issa tippretendi li DCL għandha tħallas il-'miżata għall-liċenza annwali fissa' (*fixed annual license fee*), bir-rata sħiħa fl-ammont ta' <u>€25,000</u>, u dan minflok bir-rata proporzjonali ta' €<u>14,583.33</u> li l-Awtorità stess kienet iffissat u ppretendiet li tirċievi għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Lulju 2018;

[15] €25,000 – €14,583.33 = €10,416.67.
[16] Ara 'Annex 5', fol.60, u l-estratt stampat f'paragrafu 25 ta' din is-sentenza.

28. Fil-fehma tal-Qorti, ġaladarba li l-Awtorità stess kienet qasmet il-'miżata għal-liċenzja annwali fissa' b'mod proporzjonat bejn DCL u GGEG, l-Awtorità ma tistax issa tmur lura mid-deċiżjoni tagħha stess u tippretendi li DCL għandha tagħmel tajjeb għall-ammont sħiħ tal-'miżata għal-liċenzja annwali fissa' fl-ammont ta' €25,000. Minflok, u dejjem safejn għandu x'jaqsam ma' din it-tip ta' miżata, l-Awtorità għandha tieħu mingħand DCL is-somma li oriġinarjament ġiet mitluba minnha stess, u ċjoè dik fl-ammont ta' €14,583.33;

29. Safejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-ammont mitlub mill-Awtorità li jirrappreżenta l-miżati għall-'kontribuzzjoni ta' konformità ('*compliance contribution*'), il-Qorti tinnota li hawnhekk l-Awtorità mhux biss imxiet mal-minimu impost f'Regolament 3(2) tar-Regolamenti Dwar Miżati Għal Liċenzi Tal-Logħob' (L.S. 583.03),[17] iżda wkoll qasmet dak il-minimu proporzjonalment fl-ammonti ta' €1,250 fix-xahar. Jirriżulta għalhekk li l-ammont ta' €8,750, rappreżentanti seba' pagamenti ta' €1,250 għal kull xahar bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Lulju 2018, u dan bħala miżati għall-'kontribuzzjoni ta' konformità', huwa ġustifikat u għalhekk dovut;

[17] Il-minimu impost bil-liġi huwa €15,000 fis-sena.

30. Peress li kemm mill-ittra elettronika tal-15 ta' Ottubru 2019,[18] kif ukoll mir-rendikont intitolat 'Dok MGA01' (Fol 14) jirriżulta li DCL kienet diġà ħallset lill-Awtorità s-somma proviżorja fl-ammont ta' <u>€16,900</u>, allura jsegwi li mill-bilanċ ta' €14,583.33[19] u €8,750,[20] għandha tinqata' s-somma ta' €16,900,[21] biex b'hekk DCL m'għandhiex titqies debitriċi tal-Awtorità appellanti fis-somma ndikata fl-ittra uffiċjali, iżda minflok għandha tagħti lill-Awtorità l-ammont ta' €<u>**6,433.33**</u>,[22] u dan kif wara kollox jirriżulta mir-rendikont li ngħata mill-Awtorità stess, fl-ittra elettronika tal-15 ta' Ottubru, 2019;[23]

## ***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell tal-Awtorità ta' Malta Dwar il-Logħob u filwaqt li qed tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Ottubru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, tiddikjara li 'Doxx Casino Ltd' hija debitriċi tal-Awtorità ta' Malta Dwar il-Logħob fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija tlieta u tletin ewro, u tlieta u tletin ċenteżmu (€6,433.33) biss, u għall-kumplament issib li t-talba tal-Awtorità ta' Malta Dwar il-Logħob hekk kif imressqa fl-ittra uffiċjali bin-numru 2742/2020 bħala infondata fil-fatt u fid-

---

[18] Annex 5, fol.60.
[19] rappreżentanti l-'miżata għal-liċenza annwali fissa' (*'fixed annual license fee'*),
[20] rappreżentanti l-miżata għall-'kontribuzzjoni ta' konformità' ('*compliance contribution*'),
[21] Ara Regolament 10(1)(ċ) tal-L.S. 583.03.
[22] (14,583.33 + 8,750) – 16,900 = 6,433.33.
[23] Ara 'Annex 5', fol.60, u l-estratt stampat f'paragrafu 25 ta' din is-sentenza.

dritt. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr